MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 86/2011

**Yvonne Borg**

**-vs-**

**L-Avukat Ġenerali; u Christopher Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżenta fit-28 ta' Diċembru 2011 li permezz tiegħu r-rikorrenti ppremettiet:

Illi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju 2003, l-esponent ippreżentat ċitazzjoni sabiex tissepara minn mar-raġel tagħha, u ċjoe' l-intimat Christopher Borg quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja);

Illi l-kontendenti żżewgu nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 1990 u miż-żwieġ kellhom tifla bl-isem ta' Charmaine li twieldet nhar it-8 ta' Mejju, 1991.

Illi r-rikorrenti akkwistat il-fond matrimonjali u ċioe` 'Chrivon', Flat 2, Cospicua Road, Fgura nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru, 1987 u r-rikorrenti dejjem sostniet, kif se jiġi spjegat hawn isfel, li dan il-fond kien u għadu fond proprjeta` parafernali tagħha.

Illi fil-fatt waħda mit-talbiet tagħha fil-kawża su-riferita kienet li, *"Tordna l-iżgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali, u ċjoe' mill-fond bl-isem ta' 'Chrivon', Flat 2, Cospicua Road, Fgura".*

Illi l-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, fil-15 ta' Diċembru 2009 iddeċiediet *inter alia*, li tilqa' *is-sitt talba, u tordna l-iżgumbrament tal-konvenut mill-fond 'Chrivon', Flat 2 Cospicua Road, Fgura fi żmien xahar, filwaqt li tiddikjara li dan il-fond jappartjeni fl-intier tiegħu lill-attriċi u m'għadux jitqies id-dar matrimonjali tal-partijiet*;

Illi *inoltre*, f'dik is-sentenza l-Qorti qalet li l-intimat Christopher Borg kien ħati tas-separazzjoni bejn il-partijiet, iżda kienet il-fehma tal-Qorti li l-komportament tar-rikorrenti ftit wara s-separazzjoni *de facto* kien fattur kontributorju li wassal għat-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ bejn il-partijiet. Pero' mill-provi jirriżulta biċ-ċar li l-komportament abbużiv, kontinwu, ripetut u abitwali, da parti tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti, kien l-fattur ewlieni li kkostrinġa lir-rikorrenti sabiex din titlaq flimkien mat-tifla, mid-dar konjugali u tmur tgħix għand il-ġenituri tagħha.

Illi dik il-Qorti ma abbraċċjatx l-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet **"Lawrence Lanzon vs Rosette Lanzon"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-tletin (30) ta' Novembru 2007, u ċjoe' li peress li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li d-dar matrimonjali tinxtara miż-żewġ partijiet flimkien, b'hekk dik id-dar matrimonjali kellha titiqies bħala formanti parti mil-komunjoni tal-akkwisti avolja tkun dehret parti waħda fuq l-istess kuntratt t'akkwist;

Illi l-Ewwel Qorti bbażat dan fuq il-fatt li l-fatti tal-każ odjern ma kienux l-istess bħal dawk tal-każ li għadha kif ġiet iċċitata u primarjament minħabba li kienet saret skrittura privata bejn il-partijiet datata tlieta u għoxrin (23) ta’ Diċembru 1987 liema skrittura r-rikorrenti se tagħmel riferenza għaliha aktar ’l isfel;

Illi r-rikorrenti tikkowota dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti qalet *“Il-fatti relevanti huma s-segwenti: Fil-11 Novembru 1987 il-partijiet, bħala għarajjes, applikaw konġuntivament mal-Housing Authority għal sussidju fuq loan biex jintxara l-fond numru 2 Charlie Flats, Cospicua Road, Fgura. Il-partijiet, bilfors kellhom japplikaw flimkien bħala għarajjes, għax altrimenti ma kienux jaqgħu taħt l-iskema. Sussegwentement, il-partijiet kellhom japplikaw mal-Bank, u kien il-Bank li ddeċieda fuq min kellu jinħareg il-loan. F’dan il-każ is-sanction letter ħarġet fuq l-attriċi fit-28 Ottubru 1987, u għalhekk il-Housing Authority approva l-applikazzjoni fuq il-persuna approvata mill-Bank”;*

Illi dakinhar stess li fih ġie ppubblikat il-kuntratt, il-partijiet, quddiem l-istess nutar, iffirmaw skrittura privata li permezz tagħha ftehmu li fil-każ li l-għerusija jew iż-żwieġ futur jitħassru, l-attriċi kellha dritt ta’ għażla: jew *“li jew tbiegħ”* l-imsemmi fond u r-rikavat, wara li jitnaqqas id-dejn gravanti l-fond, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, jew *“tista’ tagħżel li ma tbiegħx il-fond u tirrifondi lil Christopher Borg, kull somma minnu maħruġa fuq ix-xiri tiegħu u għall-ħlas tar-rati mensili”;*

Illi l-konvenut Christopher Borg appella minn din is-sentenza fit-tletin (30) ta’ Diċembru 2009;

Illi l-Qorti tal-Appell permezz ta’ sentenza datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju, 2010, qalet li għalkemm mhux kontestat li l-fond matrimonjali nxtara mir-rikorrenti qabel iż-żwieġ u b’hekk jidher li l-proprjeta’ hija parafernali taghħa, l-Qorti tal-Appell xorta abbraċċjat it-tesi ta’ kawża **“Lawrence Lanzon vs Rosette Lanzon”** deċiża fit-tletin (30) ta’ Novembru 2007;

Illi l-Qorti tal-Appell daħlet fil-kwistjoni ta' *prestanome* u qalet li l-konvenut irnexxielu jipprova li dan kien każ ta' *prestanome* għaliex riedu jixtru l-fond bil-ħsieb ta' żwieġ.

Illi huwa importanti li wieħed hawnhekk jirrileva li l-Qorti tal-Appell osservat li azzjonijiet li ħadu l-kopja wara li żżewġu biex tipprova l-intenzjoni tal-partijiet meta kkontrattaw mal-Bank iżda l-istess Qorti ma għamlitx l-istess (ċjoe' eżami tas-sitwazzjoni b'reqqa biex tara l-intenzjoni tal-partijiet) għal kwantu jirrigwardja l-iskrittura privata.

Illi dwar l-iskrittura privata li ffirmaw il-partijiet dakinhar stess tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt akkwist, l-Qorti tal-Appell tat interpretazzjoni legalisika, biss ma daħlitx fl-intenzjoni tal-partijiet.  Il-Qorti tgħid li meta l-konvenut iffirma dik l-iskrittura ma kienx qed jirrikonoxxi l-fatt li l-fond huwa parafernali ta' martu.

Illi *inoltre*, l-Qorti tal-Appell qalet, *"fil-fatt, kieku kien qed hekk jirrikonoxxi ma kienx ikollu għalfejn jiffirma dik l-iskrittura, għax il-kuntratt innifsu kien juri li l-fond kien qed jinxtara biss mill-attriċi"*.  Anzi r-rikorrenti tgħid li dan kien l-oppost, kien rikonoxximent tal-fatt li hija biss setgħet tieħu s-self u dak il-fond kienet tagħha iżda ovvjament kien hemm il-possibbilta' li jgħixu flimkien hemmhekk u hija għamlet l-iskrittura sabiex tissalvagwardja l-interessi tagħha.  Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti huma arbitrarji u ngusti.

Illi għalhekk l-Qorti tal-Appell ddeċidiet li d-dar matrimonjali tappartjeni liż-żewġ partijiet f'porzjonijiet ndaqs, il-Qorti ma laqgħetx it-talba sabiex tordna lill-konvenut jallontana ruħu mill-istess fond iżda ordnat li l-fond matrimonjali, ċjoe', 'Chrivon', Flat 2, Cospicua Road, Fgura, jinbiegħ b'subasta taħt l-Awtorita` tal-Qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti wara li jitħallsu d-djun kollha gravanti l-istess fond.

Illi *inoltre*, għall-kompletezza ta' fatti, ir-rikorrenti tirrileva li hija talbet lill-Qorti tal-Appell sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell maqtugħ b'sentenza tal-ħamsa u għoxrin (25) ta'

Ġunju 2010 u dana wara li tħassar dik l-istess sentenza peress illi r-rikorrenti sostniet li l-Qorti applikat il-liġi ħażin u dik il-parti tad-deċiżjoni in konnessjoni mal-fond matrimonjali kien effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (Art. 811 para. (e) u (l) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Madankollu din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' sentenza datata tletin (30) ta' Settembru 2011.

**Vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Illi r-rikorrenti qiegħda ssostni li hija ma kellix smiegħ xieraq u dan abbazi tal-prinċipji li jemanu mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja. Fid-Deċiżjoni li ħadet il-Kummissjoni fil-każ fl-ismijiet **"Stephan Waldberg vs Turkey"** fis-sitta (6) ta' Settembru 1995 (App N° 22909/93), il-Kummissjoni qalet:

*"According to the established case law of the Convention organs, the question whether the proceedings have been conducted in accordance with the requirements of a fair trial, as provided for in Article 6 para 1 of the Convention, must be decided on the basis of an assessment of the proceedings as a whole (see Eur Court H R, Windisch judgment of 27 September 1990, Series A no 186, p 10, para. 25).*

*The Commission recalls that it is not competent to examine an application relating to errors of fact or law allegedly committed by a domestic court, unless it considers that such errors might have involved a violation of the rights and freedoms set forth in the Convention. The assessment of evidence is in the first place a matter for the jurisdiction of the domestic courts and cannot be examined by the Commission unless there is reason to believe that the court drew arbitrary or grossly unfair conclusions from the facts submitted to it (No 7987/77, Dec 13 12 79, D R 18 p 31, No 8876/80, Dec 16 10 80, DR 23 p 233)."*

*Inoltre* f'decizjoni tal-Qorti Ewropeja datata 16 ta' Marzu 2000, fl-ismijiet **"Camilleri vs Malta"**, il-Qorti, *"The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see **"The Doorson vs. The Netherlands"** judgement of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-II, p. 470, § 67; **"The Edwards vs. The United Kingdom"** judgement of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, § 34)."*

Illi l-Qorti tal-Appell naqset milli tapplika jew inkella applikat mingħajr fundament prinċipji li waslu għall-vjolazzjoni tad-drittijiet ta' Bniedem fil-konfront tar-rikorrenti. Fl-ewwel lok il-Qorti tal-Appell applikat u wżat il-prinċipju stabbilit fis-sentenza ġja' 'l fuq ċitata fl-ismijiet **"Lanzon vs Lanzon"** bħala prinċipju li qisu kien ilu stabbilit fis-sistema ġurisprudenzjali tagħna; fis-sena li l-Qorti tal-Appell użata dan il-prinċipju bħal li kien tant sar fondamentali li ma tistax tiddiskosta minn magħha. Ir-rikorrenti tfakkar li fis-sistema ġuridika nostrana ma hemmx il-*law of precedent*. Fil-kawża fl-ismijiet **"Noel Sultana vs Tony Xerri"** (Qorti tal-Appell Inferjuri – 7 ta' Lulju, 2010) il-Qorti qalet: *"Hu b'mod ġenerali rikonoxxut illi għalkemm il-prinċipju "stare decisis" ma hux assolut fis-sistema legali Malti fis-sens li l-Qorti tista' tiddiskosta ruħha mill-ġurisprudenza jekk tħoss motiv ġust biex tagħmel dan, eppure meta fil-każijiet in ispecje fejn il-ġurisprudenza hi waħda konkordi għall-perijodu hekk twil, l-istabbilita' tal-ġurisprudenza tesiġi fl-interess ġenerali illi l-Qorti jew it-tribunal ma jiddipartix minn dik l-interpretazzjoni, ormaj oltre sekolari. Ara a propożitu wkoll f'materja ta' kapitolu s-sentenza fl-ismijiet **"Emmanuele Mifsud -vs- Giuseppe Fsadni et"**, Appell Inferjuri, 28 ta' Settembru, 1963"*. Fil-kawża in disamina l-Qorti tal-Appell segwiet il-prinċipji tal-kawża **"Lanzon vs Lanzon"** (kawża deċiża fis-sena 2007 u għalhekk ma jistax jingħad li hemm xi ġurisprudenza twila u konkordi) mingħajr ma daħlet fil-fond f'kwistjonijiet oħra li ċertament għamlu l-każ differenti ħafna mill-każ **"Lanzon v Lanzon"** u dan minkejja li huwa risaput li l-Qrati tagħna,

kontrarjament għall-Qrati Ingliżi, ma jsegwux il-prinċipju ta' *stare decisis* ċjoe' l-prinċipju tal-preċedent. Dan ix-xoghol għamlitu sew il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) u għalhekk li hija waslet għad-deċizjoni tagħha.

Illi *inoltre*, il-Qorti tal-Appell ma wżatx ir-regoli bażiċi ta' interpretazzjoni meta ġie biex tinterpreta l-iskrittura privata. *"L-ewwel regola fondamentali tal-interpretazzjoni hi dik dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili li tgħid li meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni. (Vol XXXIV p1 p27). L-interpretazzjoni għandha biss tittieħed mill-att stess, u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relativ għal kwistjoni prinċipali (Vol XXXI pI p49). Regola oħra daqstant importanti ta' interpretazzjoni hi dik li nsibu fl-Artikolu 1003, u ċjoe', li meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher ċara mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni."* (*vide* **"Clementino u Rosaria konjuġi Caruana vs Emanuela Agius"** – 22 ta' Novembru 2002 – Appell Ċivili Inferjuri). Kif ingħad hawn fuq l-Qorti tal-Appell użat metodu għall-interpretazzjoni tal-kuntratt ta' self pero' nsiet tuża l-kanoni ta' interpretazzjoni għall-iskrittura privata.

Illi għalhekk ir-rikorrenti hija konvinta li l-Qorti tal-Appell iddeċidiet li tinjora ċerti fatti, li wasslu għall-konklużjonijiet arbitrarji jew inġusti għall-aħħar da parti tagħha u kontra r-rikorrenti f'dan il-każ.

**Artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

Illi l-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea rigward beni u possedimenti hija waħda wiesgħa *ai fini* tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti ġieli tirreferi għat-test Franċiż fejn it-terminu 'possedimenti' jiġi tradott f' *'biens'*. Il-kelma hekk tradotta tista' tiġi interpretata b'mod aktar wiesa'. Ir-rikorrenti ssostni li hawnhekk si tratta tal-possedimenti *ai termini* ta' dan l-Artikolu.

Illi fil-każ **"Gasus Dosier und Fordertecknik GmbH vs Netherlands"** il-Qorti qalet: *"The Court recalls that the notion 'possession (in French: biens) in Article 1 of Protocol 1 has an autonomous meaning which is certainly not limited to ownership of physical goods: certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as 'property rights' and thus as 'possessions', for the purpose of this provision."*

*Inoltre* fil-każ **"Djidrovski vs the Former Yugoslav Republic of Macedonia"** *"The Court reiterates that the concept of "possessions" in Article 1 of Protocol No. 1 has an autonomous meaning and that Article 1 of Protocol No. 1 in substance guarantees the right of property (see Marckx v. Belgium, judgment of 13 June 1979, Series A no. 31, pp. 27-28, § 63). A "possession" within the meaning of the above provision may be either an "existing possession" or a claim, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right (see the Pine Valley Developments v. Ireland judgment of 29 November 1991, Series A no. 222, p. 23, § 51). The "legitimate expectation" may also encompass the conditions attaching to the acquisition or enjoyment of property rights."*

Illi r-rikorrenti mhux biss ippossediet beni. Ir-rikorrenti ssostni li kellha l-aspettattiva leġittima li tkun protetta mill-Istat u li ma tkunx mċaħħda mill-proprjeta' tagħha bħala riżultat ta' sentenza nġusta u li tledi d-dritt għas-smiegħ xieraq.

Dan l-Artikolu jipproteġi sostanzjalment id-dritt għall-proprjeta' u jikkontjeni tliet regoli distinti. L-ewwel regola li hija kontenuta fl-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu u hija ta' natura ġenerali ssostni l-prinċipju tat-tgawdija paċifika tal-proprjeta'. It-tieni regola, fit-tieni sentenza tal-istess paragrafu, titratta dwar id-deprivazzjoni minn ċerti proprjetajiet u tissoġġettaha għal ċerti kondizzjonijiet. It-tielet regola, kontenuta fit-tieni paragrafu tirrikonoxxi dritt tal-istat li jikkontrolla l-użu tal-proprjeta' skond l-interess

ġenerali billi jwettaq kwalsijasi liġijiet li jistgħu jitqiesu għal dan.

Iżda hawn si tratta ta’ każ li jaqa’ taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 minħabba li ġiet imċaħħda mill-pussess totali tiegħu. Din mhix kwistjoni ta’ kontroll ta’ użu ta’ proprjeta’ kif deskritt fil-parti 2 ta’ dan l-artikolu. Madanakollu, kif għandu kif ingħad dawn ir-regoli m’humiex distinti fis-sens li m’huma bl-ebda mod marbutin ma’ xulxin. It-tieni u t-tielet regola jitrattaw dwar każi partikolarita’ interferenza mad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-proprjeta’. Iridu għalhekk jiġu interpretati fid-dawl tal-prinċipju kontenut fl-ewwel regola.

Illi għalhekk, ir-rikorrenti tgħid li l-Artikolu *de quo* jippresupponi tliet kundizzjonijiet: li l-miżura li tipprovdi għall-għoti għall-privazzjoni għandhom ikunu skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi nazzjonali; il-prinċipji ġenerali tal-liġi nternazzjonali għandhom jiġu rispettati; il-privazzjoni għandha tkunu fl-interess pubblika (dan jeħtieġ ibbilanċjar ta’ l-interess pubbliku kontra d-drittijiet individwali). F’dan il-każ in partikolari, qatt ma jista’ jigi argumentat li l-privazzjoni skont il-kondizzjonijiet previsti mill-liġi u li sar fl-interess pubbliku. Dan għaliex ir-rikorrenti ssostni li l-privazzjoni rriżulta minn konsiderazzjonijiet arbitrarji kif deskritt hawn fuq u għalhekk ma jistgħux jitqiesu li huma skont il-liġi.

Illi billi r-rikorrenti baqgħet ma ngħatatx rimedju ġust mill-qrati ordinarji ta’ pajjiżna, hija kellha tfittex rimedju f’din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha.

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti fil-Kompetenza Kostituzzjonali tagħha jogħġobha:

1. Tordna, qabel xejn l-allegazzjoni tal-proċess Appell Civili Numru 755/2003/1 fl-ismijiet **“Yvonne Borg vs Christopher Borg”** deċiża 25 ta' Ġunju, 2010 mill-Qorti tal-Appell.

2. Tiddikjara illi ġew lesi d-drittijiet umani u fundamentali tagħha *ai termini* tal-Artikoli 6 tal-

Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tal-Malta u dan hekk kif hawn fuq spjegat;

3. Tiddikjara illi ġew lesi d-drittijiet umani u fundamentali tagħha *ai termini* tal-Artikoli 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tal-Malta u dan hekk kif hawn fuq spjegat;

4. Tordna li s-sentenza datata 25 ta' Ġunju, 2010, Appell Civili Numru. 755/2003/1, deciza mill-Qorti tal-Appell **“Yvonne Borg vs Christopher Borg”** hija nulla u bla effett in kwantu tirrigwardja l-fond bl-indirizz mill-fond bl-isem ta’ ‘Chrivon’, Flat 2, Cospicua Road, Fgura u dana għaliex tledi d-drittijiet fondamentali tagħha.

5. Tiddikjara li l-proprjeta’ u ċjoe’ l-fond bl-isem ta’ ‘Chrivon’, Flat 2, Cospicua Road, Fgura hija proprjeta’ pjena tar-rikorrenti.

6. Tagħti kumpens xieraq għall-leżjoni tad-drittijiet tagħha.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-intimat, Christopher Borg ppreżentata fl-24 ta’ Jannar 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta’ Ġunju, 2010, fl-ismijiet **“Yvonne Borg vs Christopher Borg”** (Appell Ċivili Numru 755/2003/1) bl-ebda mod ma tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas ma tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ewwel (1) Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja; u dana kif ser jiġi pprovat bl-aktar mod ampju waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Illi *inoltre*, it-talbiet attrici huma frivoli u vessatorji *inter alia* minħabba r-raġunijiet sewgenti:-

**A. L-Allegazzjonijiet rigwardanti l-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni Minħabba l-applikazzjoni tal-Prinċipju tal-Preċedent.**

Wieħed mill-argumenti prinċipali illi fuqu huma msejsa l-allegazzjonijiet attriċi jirrigwarda l-fatt illi l-Qorti tal-appell, fil-kawża suċċitata, *naqset milli tapplika jew inkella applikat mingħajr fundament il-prinċipji li wasslu għall-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-konfront tagħha*, sempliċiment a bażi tal-fatt illi din il-Qorti segwit il-prinċipji stabbiliti fil kawża ta' **"Lawrence Lanzon vs Rosette Lanzon"** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2007) u għaldaqstant applikat il-prinċipju tal-preċedent sabiex tasal għad-deċizjoni tagħha.
Jiġi eċċepit illi għalkemm, kif qed jiġi sottomess mill-attriċi fir-rikors kostituzzjonali tagħha, *huwa ben risaput illi l-Qrati tagħna, kontrarjament għall-Qrati Ingliżi, m'humiex obbligati illi jsegwu il-prinċipju ta' stare decisis ċjoe' l-prinċipju tal-preċedent*, **dan ma jfissirx illi mill-banda l-oħra, l-Qrati tagħna huma obbligati illi jiskartaw il-prinċipji stabbiliti f'kawżi preċedenti meta l-kwistjonijiet in eżami ikunu simili għal dawk illi jkunu ġja' ġew ikkonsidrati mill-Qrati tagħna f'kawżi preċedenti**. Kif ġie ritenut, f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna*; in realta għalkemm f'pajjizna, fis-sistema guridiku ma japplikax il-principju tal-preċedent jew ta' "stare decisis"*… ***Mill-banda l-oħra ma jfissirx, u qatt ma ġie aċċettat, illi d-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati mogħtija fuq xi punti partikolari fil-passat qishom bħal li kieku ma ngħatawx u li kull darba li l-istess argument lejali jew sottomissjoni terġa' ssir fi proċeduri ġodda, huwa bħal li kieku dak il-punt qatt ma ġie dibattut u deċiż preċedentement u għandu dejjem jibda jiġi trattat ħalli jiġi deċiż ex novo u dan mingħajr referenza għall-ġurisprudenza speċjalment jekk din tkun waħda kostanti***. *Mhux hekk. Infatti, fis-sistema tagħna diġa' ġie stabbilit kemm-il darba illi normalment meta Qorti*

*Superjuri tippronunzja ruħha fuq xi punt partikolari, dan għandu jittieħed in konsiderazzjoni minn Qorti Inferjuri, għalkemm hu anke konċess illi kull Qorti tista' titbiegħed minn dik il-ġurisprudenza jekk ikollha raġunijiet validi biex tagħmel hekk u tindikahom fis-sentenza.* ***In realta', pero', sakemm ma jinġiebux 'il quddiem raġunijiet validi biex ġurisprudenza tiġi modifikata jew addirittura revokata, dik il-ġurisprudenza għandha tiġi rispettata. Mhux in forza ta' xi prinċipju ta' preċedent, imma għaliex huwa prinċipju salutari li hemm għandu jkun għall-fini ta' dik li hi ċertezza tad-dritt.*** *(vide "Repubblika ta' Malta vs Kenneth Caruana" – Qorti tal-Appell Kriminali Deċiża fid-9 t'April 2001).*

Għaldaqstant, għalkemm huwa minnu illi fis-sistema ġudizzjarja tagħna, ma jeżistix dak li hu magħruf bħala *"the law of precedent"*, kif lanqas jeżisti l-kunċett parallel ta' *"stare decisis"*, pero', kif ġie stabbilit fil-kawża **"Strickland vs Hunter"** (Vol 30 p1 p 446) dan ma jfissirx li kull Qorti tista' tapplika l-liġi kif jidhrilha meta diġa' jkun hemm pronunzjament awtorevoli ta' Qorti Superjuri. Għalkemm l-Qrati tagħna mhumiex teoritikament marbuta ma' dak li jiġi deċiż minn Qorti superjuri f'kawzi preċedenti, għandhom iħarsu lejn dak li jkun ġie deċiż minnha bl-ikbar rispett u rigward u ***jiddipartixxu mill-pożizzjoni li tkun ħadet dik il-Qorti f'każijiet rari fejn ikollhom motivazzjonijiet serji u ġodda li għandhom jiġu ndikati fis-sentenza li jagħtu. Il-prinċipju hu li sentenza ta' Qorti ta' ġurisdizzjoni superjuri fuq punt ta' dritt għandha bħala regola tiġi segwita***, għalkemm m'hemmx obbligu preċiż in propożitu. (ara **Vol XL p 4 p 1147; App Civ "Dr. V. Formosa vs Direttur Sigurta Socjali"** 4 ta' Mejju 1992).

Di fatti, b'ironija u kuntradizzjoni kbira għal dak illi ġie sottomess mill-attriċi fir-rikors tagħha, (ossia illi kien hemm vjolazzjoni tad-drittijet fondamentali tagħha minħabba illi l-Qorti tal-Appell applikat il-prinċipju tal-preċedent), hija l-attriċi stess illi, fir-rikors tagħha, tirreferi għall-każistika perċedenti ossia l-kawżi **"Sultana vs Xerri" (**Qorti tal-Appell Inferjuri 7 ta' Lulju 2010) u **"Mifsud vs Fsadni"** (Appell inferjuri, 28 ta' Settembru

1963) *oltre* sentenzi oħra tal-Qorti Ewropeja, u b'hekk tagħmel, hi stess, użu mill-prinċipju tal-preċedent sabiex issostni l-punt tagħha.

Illi b'referenza għall-kawża ċitata mir-rikorrenti stess, ossia dik ta' **"Sultana vs Xerri"**, il-Qorti rriteniet illi *"hu b'mod ġenerali rikonoxxut illi għalkemm il-prinċipju "stare decisis" ma hux assolut fis-sistema legali Maltija fis-sens li l-Qorti tista' tiddiskosta ruħha mill-ġurisprudenza jekk tħoss mottiv ġust biex tagħmel dan ...* ***l-istabbilta' tal-ġurisprudenza tesiġi fl-interess ġenerali illi l-Qorti jew it-tribunal ma jiddipartix minn dik l-interpretazzjoni*** *..."* Is-sentenza ċitata mill-attriċi ma tagħmel xejn ħlief jikkontradixxi r-raġunament illi bih qed tipprova timpunja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili (numru 755/2003/1) tal-25 ta' Ġunju 2010 *stante* illi bil-kontra ta' dak illi qed jiġi sottomess fir-rikors kostituzzjonali tagħha, is-sistema legali ta' Malta bl-ebda mod ma timpedixxi l-Qrati tagħna milli jirreferu għall-prinċipji enunzjati u assodati f'kawżi preċedenti sabiex jużaw l-istess bħala linji ta' gwida u / jew l-bażi illi fuqhom jaslu għad-deċiżjoni tagħhom.

L-attriċi, fir-rikors tagħha, tissottometti wkoll illi peress illi l-kawża ta' **"Lanzon vs Lanzon"** ġiet deċiża fit-2007, *ma jistax jingħad li hemm xi ġurisprudenza twila u konkordi*. F'dan ir-rigward, l-konvenut jeċċepixxi illi kieku r-raġunament tal-attriċi għandu jiġi akkolt minn dina l-Onorabbli Qorti, allura din l-Qorti għandha, *in linea* ma' dan l-istess raġunament, tiskarta l-prinċipji stabbiliti fis-sentenza ta' **"Sultana vs Xerri"** illi għaliha tagħmel referenza l-attriċi stess *stante* illi din is-sentenza ngħatat fis-7 ta' Lulju 2010 u allura hija aktar riċenti minn dik ta' **"Lanzon vs Lanzon"**; u għaldaqstant ir-raġunament tal-attriċi japplika b'mod aktar rigoruż għal din is-sentenza ċitata minnha stess.

*Inoltre*, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat jeċċepixxi illi hemm diversi sentenzi oħra illi huma bbażati fuq il-prinċipji enunzjati fil-kawża ta' **"Lanzon vs**

**Lanzon"**, fosthom il-kawzi numri 90/2006 Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), tas-27 ta' Ottubru, 2011; ċit nru. 20/2002 Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), tal-24 ta' Frar, 2011; ċit nru 28/2004 NC Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), tal-25 ta' Ġunju, 2009, Ċit Nru. 2005/1998 Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), tas-26 ta' Ġunju, 2008.

*Inoltre* jiġi eċċipit illi għalkemm l-attriċi ssottomettiet illi *l-Qorti tal-Appell segwiet il-prinċipji tal-kawża ta'* ***"Lanzon vs Lanzon"*** *mingħajr ma daħlet fil-fond f'kwistjonijiet oħra illi ċertament għamlu każ differenti mill-każ* ***"Lanzon vs Lanzon",*** hija naqset milli tispjega r-raġuni l-għala skond hi, l-prinċipji stabbiliti fil-kawża sudetta ma japplikawx għall-kawża illi taw lok għall-proċeduri odjerni. Il-konvenut jeċċeppixxi illi l-Qorti tal-Appell applikat il-prinċipji stabbiliti fil-kawża ta' **"Lanzon vs Lanzon"**, mhux fir-rigward tas-sentenza kollha, iżda fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza appellata illi kienet tikkonċerna kwistjonijiet simili għal dawk li ġew ikkunsidrati fil-kawża ta' **"Lanzon vs Lanzon"**. Il-fatt illi l-Qorti tal-Appell applikat il-prinċipji stabbiliti fil-kawża ta' **"Lanzon vs Lanzon"**, dan ma jfissirx illi għamlet dan taħt il-prinċipju ta' *binding precedent*, iżda jfisser biss illi l-Qorti tal-Appell qablet mal-interpretazzjoni tal-ligi mogħtija f'dik is-sentenza; u dan bl-ebda mod ma jledi xi dritt tal-attriċi. Kif ġie ritenut minn din l-istess Qorti, diversament preseduta, fil-kawza **"John Mercieca vs Av. Michelle Tabone et"** tal-1 ta' Lulju, 2011 (Referenza Kostituzzjonali Numru. 54/2010): *"Din il-Qorti tibda biex tgħid illi għalkemm taqbel mal-interpretazzjoni tal-liġi – safejn relevanti għall-każ tal-lum – kif imfissra fis-sentenza ta'* ***"Bugeja vs Avukat Ġenerali et"*** *taqbel ukoll mal-attur illi ladarba stare decisis ma huwiex parti mil-liġi tagħna, is-sentenza jista' jkollha biss auctoritas rerum similiter iudicatarum u ma torbotx lil din il-Qorti. Fil-każ tal-lum dan huwa biss ta' interess akkademiku* ***ladarba l-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija f'dik is-sentenza u għalhekk taqbel mal-Qorti li għamlet ir-referenza illi, essenzjalment, hija meħtiega biss tweġiba għall-mistoqsija magħmula fir-referenza."***

**B. L-Allegazzjonijiet rigwardanti l-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni Minħabba illi l-Qorti tal-Appell ma wżatx ir-regoli bażiċi ta' interpretazzjoni meta ġiet biex tinterpreta l-iskrittura privata.**

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni sudetta, il-konvenut jeċċepixxi illi fil verita' l-Qorti tal-Appell applikat tajjeb artikolu illi l-attrici stess tinkova bhala l-artikolu illi kellu jifforma l-bazi tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell; ossia **Artikoli 1003** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi illi *"Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet"*.

Il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat proprju l-intenzjoni tal-partijiet u irriteniet illi *"Mhux kontestat li d-dar matrimonjali inxtarat mill-attriċi qabel iż-żwieġ u, allura, tidher li hija proprjeta' parafernali tagħha. Pero'* ***l-intenzjoni vera tal-partijiet kienet illi l-attriċi takkwista l-istess fond bħala prestanome tal-konvenut wkoll, għax il-ħsieb kien li l-fond jinxtara bi sħab bejn il-partijiet allura għarajjes, biex iservi bħala d-dar matrimonjali tagħhom"***.

Il-Qorti tal-Appell spjegat illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi l-konvenut għandu jkollu sehem ta' nofs il-fond peress illi:-

i) l-fond inxtara fuq isem l-attriċi peress li dak iż-żmien, il-korporazzjoni Lohombus, li mingħandha il-partijiet kienu se jieħdu self, kellha l-prattika li tinsisti li l-kuntratt tal-akkwist isir biss fuq isem dik il-parti li se tingħata self, u f'dan il-każ, is-self kien se jingħata biss lill-attriċi peress li kellha introjtu aħjar mill-konvenut.

ii) Il-Qorti tal-Appell spjegat ukoll illi fir-rigward in-nozzjoni ta' *prestonome*, fil-kawża **"Maria Calleja nomine vs Paolo Deguara"** deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1930 (Vol. XXVII.i.620), ġie osservat: *"nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri*

*con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di alter persone non figurante nell'atto ma avente diritto di avocare a se` quello che vi si e` contrattato nel proprio interesse"*. Fir-rigward ta' dan il-kunċett dan ġie spjegat b'mod konċiż u ċar minn din il-Qorti fis-sentenza **"Professur Anthony Mamo nomine vs Charles Sant Fournier"** tat-2 ta' Mejju 1957: *"Illi l-mandatarju prestanom huwa dak illi apparentement jeżerċita drittijiet ta' proprjetarju, mentri fir-realta' mhux ħlief il-mandatarju. Meta hu, f'din il-kwalita' ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta' tal-ħaġa mmobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tiġi lilu trasferita l-proprjeta' tal-ħaġa, u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiż akkwirenti, mhux ħlief mandatarju. Għar-rigward ta' terzi jibqa' l-prinċipju illi, rispett għal dawn, il-konvenzjonijiet sigreti li jidderogaw għall-konvenzjoni palesi, ma jipproduċu ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi għall-konvenzjoni apparenti u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jiġu retti mil-liġi tal-mandat; u l-ħwejjeġ minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant.*

Il-Qorti tal-Appell wasslet għall-konklużjoni tagħha wara apprezzament xieraq u ampju tal-ħsieb veru illi kellhom il-partijiet fir-rigward tal-akkwist tal-fond in kwistjoni. Il-*punto di partenza* tal-Qorti kien illi l-oneru tal-prova hu fuq il-konvenut. Il-Qorti eżaminat il-provi prodotti u kkonkludiet illi l-konvenut rnexxielu jissodisfa dan il-piż mixħut fuqu. Kif ġie rrilevat tajjeb mill-Qorti,

i. Il-partijiet kienu applikaw għal sussidju mill-Awtorita' tad-Djar,

ii. Applikaw flimkien u t-talba ġiet milqugħa preċiżament għax huma kienu għarajjes,

iii. U riedu jixtru l-post bil-ħsieb ta' żwieġ.

iv. It-tnejn flimkien avviċinaw il-Korporazzjoni Lohombus għall-għajnuna, u l-kuntratt sar biss fuq isem l-attriċi minħabba l-*policy* li kienet issegwi dak iż-żmien il-korporazzjoni u mhux għax hekk xtaqu l-partijiet.

v. Il-prezz tal-akkwist, minbarra s-self, ħarġuh iż-żewġ partijiet ugwalment, u l-ħlas lura tas-self kollu kellu jsir minn flus tat-tnejn b'mod ugwali.

vi. Kienet il-korporazzjoni li ddeċidiet fuq min kellu jinħareġ il-*loan*, iżda din insistiet ukoll li l-konvenut jidħol garanti solidali mal-attriċi għat-twettiq tal-obbligazzjonijiet kollha li din assumiet *vis-à-vis* l-istess korporazzjoni.

vii. Wara ż-żwieġ, dan il-fond beda jservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u l-fond ġie ameljorat u mgħammar bl-interess u sforz tat-tnejn, għalkemm il-ħlasijiet kien jagħmilhom dejjem il-konvenut peress li l-attriċi qatt ma ħadmet fiż-żwieġ.

Għaldaqstant kif jingħad f'Artikolu 1003 il-Qorti tal-Appell kellha tikkonsidera *"l-intenzjoni tal-partijiet"*, u fil-fatt dan kien proprju dak li għamlet b'analiżi u eżaminazzjoni dettaljata tal-intenzjoni tal-partijiet li wasslitha għall-konklużjoni illi: *"**dan kollu juri li l-ħsieb tal-partijiet kien li d-dar tkun tat-tnejn …** din il-Qorti ma tarax li meta l-konvenut iffirma dik l-iskrittura huwa kien qed jirrikonoxxi l-fatt li l-fond huwa parafernali ta' martu. Fil-fatt, kieku kien qed hekk jirrikonoxxi ma kienx ikollu għalfejn jiffirma dik l-iskrittura, għax il-kuntratt innifsu kien juri li l-fond kien qed jinxtara biss mill-attriċi. L-iskrittura saret proprju biex il-konvenut jkollu xi ħaġa x'juri dwar l-interess tiegħu fil-fond f'każ ta' problema ma' martu, tant li din irrikonoxxiet li jekk tbiegħ il-fond lill-terzi, ir-rikavat, wara li jitħallsu d-djun gravanti l-istess fond, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet."*

Kif ġie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-kawza ta' **"Stoyanova-Tsakova vs Bulgaria"** (Application no. 17967/03) *"**the Court observes that the right to a fair trial as guaranteed by Article 6 § 1 includes the right of the parties to the trial to submit any observations that they consider relevant to their case.** The purpose of the Convention being to guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and*

*effective, **this right can only be seen to be effective if the observations are actually "heard", that is duly considered by the court. In other words, the effect of Article 6 is, among others, to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision (see "Quadrelli vs Italy",** no. 28168/95, § 34, 11 January 2000; and "Dulaurans vs France", no. 34553/97, § 33, 21 March 2000, with further references).*

Il-Qorti tal-Appell, b'analiżi dettaljata tal-kontestazzjonijiet tal-attriċi eżercitat d-dmir tagħha illi tipprovdi smiegħ xiereq lill-attriċi u segwiet il-prinċipju stabbilt fil-kawża suċċitata u dan billi wettqet *"a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties"*.

**C. L-allegazzjoni rigwardanti l-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.**

L-allegazzjoni rigwardanti l-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja hija allegazzjoni oħra għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza illi wasslet għall-proċeduri odjerni, il-fond 'Chrivon' Flat 2 Cospicua Road, Fgura, jappartjeni ukoll lill-konvenut u għaldaqstant, hija l-attriċi stess illi permezz ta' dan ir-rikors qed tittenta illi, bi ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-ewwel protocol tal-konvenzjoni Ewropeja, iċċaħħad lill-intimat mid-drittijiet tiegħu fuq il-fond in kwistjoni.

3. Fid-dwal tas-suespost, t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda *in toto* bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-intimat, Christopher Borg u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata fl-24 ta' Jannar 2012 fejn ġie eċċepiet

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja *stante* li tikkostitwixxi sempliċement ir-riproponiment ta' kwistjoni diġa deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ġunju 2010 fl-ismijiet **"Yvonne Borg vs Christopher Borg'** li llum hija *res judicata* u li minnha m'hemmx lok għal ritrattazzzjoni kif deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2011 fl-istess ismijiet. Bir-rispett dovut, huwa ċar li luniku għan tar-rikorrenti permezz ta' dawn il-proċeduri straordinarji kostituzzjonali huwa li tittenta tħassar jew *'tappella'* minn dawn is-sentenzi;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu li seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:-

a. Illi minn eżami tar-rikors promutur huwa manifest li l-proċeduri ntavolati mir-rikorrenti huma ntiżi biex *'jissewwa'* allegat żball illi r-rikorrenti qegħda tallega li ħadet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-imsemmija deċiżjonijiet tal-25 ta' Ġunju 2010 u tat-30 ta' Settembru 2011 in kwantu fi kliem ir-rikorrenti *"l-Qorti ta' l-Appell naqset milli tapplika jew inkella applikat mingħajr fundament prinċipji' u 'l-Qorti ta' l-Appell ma użatx ir-regoli bażiċi ta' interpretazzjoni"*. *Dato ma non concesso* li dawn l-allegazzjonijiet huma minnhom, xorta waħda ma jsegwix li dan jagħti lok għan-nuqqas ta' smigħ xieraq. Kif tgħallimna l-ġurisprudenza nostrana, id-dritt għas-smiegħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali illi huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja bħalma huma l-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Qorti u tal-ġudikant, *audi alteram partem* u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku. Fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali tagħha

hija kompetenti biss biex tiddeċiedi jekk ġewx leżi xi drittijiet fondamentali protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja u mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-Qrati l-oħra biex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le (Qorti Kostituzzjonali **"JEM Investments Limited vs Avukat Ġenerali et"** deċiża fit-30 ta'Settembru 2011). Isegwi għalhekk li l-allegazzjoni tar-rikorrenti li s-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ġew deċiżi *'ħażin'* ma tistax teradika ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq;

b. Illi *inoltrè*, l-azzjoni odjena hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li mhux minnu li *"l-Qorti ta' l-Appell naqset milli tapplika jew inkella applikat mingħajr fundament prinċipji"* u li *"l-Qorti tal-Appell ma wżatx ir-regoli bażiċi ta' interpretazzjoni"* fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Ġunju 2010 u tat-30 ta' Settembru 2011. Minn qarti ta' dawn is-sentenzi jirriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-Qrati semgħu l-ilmenti kollha tar-rikorrenti u ddeċidew skond il-liġi. Il-fatt li t-talbiet tar-rikorrenti ma ġewx milqugħa ma jikkostitwix ksur ta' drittijiet fundamentali;

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux minnu li ġew leżi d-drittijiet umani u fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan in kwantu ma kien hemm l-ebda teħid forzuż ta' proprjeta' tar-rikorrenti u wisq inqas l-istess rikorrenti ma ġiet ipprivata mit-tgawdija tal-proprjeta' tagħha;

4. Illi mingħajr preġudizzju, l-esponent jirrespinġi wkoll l-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi *"mhux biss ippossediet beni. Ir-rikorrenti ssostni li kellha aspettattiva leġittima li tkun protetta mill-Istat u li ma tkunx mċaħħda mill-proprjeta' tagħha"*. Dwar dan l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, (*Law of the European Convention on Human Rights, pagna 567*), jgħidu *"on this reasoning there must first be an asset that can qualify as a 'possession' under Article 1 Protocol 1. The 'legitimate expectation relates to the merits of the 'asset' ... Thus, where an applicant's submission on the correct interpretation and application of*

*domestic law has been rejected by the national court no 'legitimate expectation' arises."* Fil-fatt, kif diġa' nsibu fi skorta ta' ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja u dik nostrali, l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ma jammontaw għall-ebda *"legitimate expectation"* (Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) **"Louis Muscat vs L-Avukat Ġenerali et"** deċiża fit-28 t'Ottubru 2010);

5. Illi *di piu'*, ma hemm xejn fis-sentenza datata 25 ta' Ġunju 2010, Appell Ċivili Nru 755/2003/1, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Yvonne Borg vs Christopher Borg"** li jledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u konsegwentement kull talba da parti tar-rikorrenti li din is-sentenza *"in kwantu tirrigwarda l-fond bl-indirizz mill-fond bl-isem ta' 'Chrivon', Flat 2 Cospicua Road Fgura"* tiġi dikjarata *"nulla u bla effett"* għandha tiġi miċħuda;

6. Illi għar-raġunijiet premessi, il-ħames talba tar-rikorrenti mhijiex sostenibbli f'din is-sede;

7. Illi finalment, *dato ma non concesso* li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, l-esponent jissottometti li ma hemm l-ebda lok għal kumpens pekunarju (**"Major Peter Manduca vs L-Onorevoli Prim Ministru"** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995).

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponent, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-intimat, l-Avukat Ġenerali u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-20 ta' Frar 2012 fejn ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-proċess tal-kawża deċiża mill-Qorti tal-Familja;

Rat l-atti tal-proċess li ġie allegat;

Rat l-affidavits tar-rikorrenti u l-intimat Borg;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ġunju 2012 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ampjament jirriżulta mill-atti msemmija r-rikorrenti ħassitha aggravata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija fejn id-dar konjugali ġiet dikjarata li kienet formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejniethom; dan wara li l-Qorti tal-Familja kienet ikkunsidrata bħala beni parafernali tagħha. Hija qed tallega li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kisritilha d-drittjiet fundamentali tagħha, u ċjoe' billi ma tagħtix smiegħ xieraq u li tteħdulha l-possedimenti tagħha.

Illi rigward l-**ewwel lanjanza**, u ċjoe' li r-rikorrenti ma ngħatatx smiegħ xieraq, il-Qorti ma tifhimx kif hija tista' tagħmel din l-allegazzjoni meta fil-Prim Istanza, il-Qorti kienet tatha raġun. Għalhekk żgur ma tistax tgħid li l-Qorti tal-Familja ma semgħatx lilha jew il-provi tagħha fir-rigward. Kwantu għall-Qorti tal-Appell, din ma qablitx mal-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward u spjegat fid-dettal għaliex għamlet dan fi kważi tlett faċċati tas-sentenza. Ir-rikorrenti ma tistax tgħid li l-Qorti tal-Appell ma tatx każ il-verżjoni tagħha għaliex il-verżjoni tagħha kienet dik korporata fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Familja.

Illi l-Qorti lanqas ma taqbel mar-rikorrenti li l-Qorti tal-Appell ma kellhiex taddotta l-prinċipji aċċettati f'sentenza partikolari għaliex din ma kinitx il-ġurisprudenza daqstant stabbilita. Il-Qorti tmur lil hinn minn hekk; kwalunkwe Qorti u speċjalment dik il-Qorti tista' anke tiddipartixxi mill-ġurisprudenza kostanti – naturalment tagħmel dan għal raġunijiet validi u b'raġunamenti validi – għaliex kif sewwa rrimarkat ir-rikorrenti stess f' pajjiżna ma teżistix id-duttrina tal-preċedent. Fl-każ in eżami imbagħad il-Qorti tal-Appell adottat il-prinċipju tal-*prestanome* li ilu jiġi applikat għexieren ta' snin.

Illi kwantu għat-**tieni lanjanza**, u ċjoe' dik li r-rikorrenti ġiet spussessata mill-proprjeta' tagħha dan l-argument lanqas ma jreġġi. Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li dik il-proprjeta' ma kenitx tagħha biss iżda fi kwota ndaqs bejnha u żewġha. Meta tressaq dan l-argument ir-rikorrenti qed titlob rikonsiderazzjoni tas-sentenza li għaddiet in ġudikat. Din il-Qorti ġja' esprimiet l-opinjoni fil-kawza **"Nazzareno Muscat vs Avukat Generali"** deċiża fit-12 ta' Ottubru 2009 illi:

*"Il-Qorti hawnhekk tħoss li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet rilevanti għal din il-kawża li jistgħu ma japplikawx għal kawżi l-oħra. L-ewwelnett din hija kawża dwar materja purament ċivili. It-tieni r-rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2001. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat din is-sentenza fl-1 ta' Ottubru 2004. Għalhekk għaddew iktar minn erba' snin qabel ma ntavolaw din il-kawża. Fil-frattemp huma fetħu kawża oħra li għadha pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn qed jitolbu l-qasma tal-wirt in kwistjoni a bażi tas-sentenza li qed jattakkaw b'dawn il-proċeduri. Wara li ngħatat is-sentenza lamentata minnhom mill-Qorti tal-Appell huma ma ppreżentaw ebda kawża ta' ritrattazzjoni.*

*Il-Qorti eżaminat fil-fond ir-rikors promotur u ssib li l-lanjanzi kollha – forsi eccetto l-lanjanza li l-kawża damet tmien snin biex ġiet deċiża – huma kollha dwar l-interpretazzjoni li l-Qorti tat fis-sentenza in kwistjoni. Ma hemm ebda riferenza għal xi nuqqas tal-Qorti (sija Prim' Awla u sija tal-Appell) li ma tathomx ċans iressqu l-provi tagħhom. Għalhekk ma hemmx dubju illi l-lanjanzi kollha tagħhom (eccetto dik li ġie ssemmiet) setgħu saru tramite kawża ta' ritrattazzjoni. L-iskop evidenti tar-rikorrenti huma li jiftħu mill-ġdid kwistjoni li ġiet deċiża u għaddiet in ġudikat. Infatti t-talba tagħhom hija biex jiġu dikjarati nulli s-sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Appell u li huma jerġgħu jitqiegħdu fil-pożizzjoni li kienu qabel ma ġew deċiżi l-kawżi – fi kliem ieħor terġa' tinstema' l-kawża mill-ġdid!*

*Il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti qed jirrikorru għal dan l-espedjent sempliċement għaliex ma kienux kuntenti bis-*

*sentenza finali u qed jerġgħu jippruvaw jibdewha mill-ġdid. Dan imur għal kollox kontra l-ordni pubbliku għaliex ma jistax ikun il-kawżi jiġu perpetwati b'dan il-mod. Il-kunċett tar-res judicata huwa infatti ta' ordni u interess pubbliku* ***– iħares iċ-ċertezzi tad-drittjiet li ġew definit b'sentenza, ibiegħed il-possibbilta' ta' sentenzi ma jaqblux jew imorru kontra xulxin u tagħlaq il-bieb għall-kwistjonijiet li jkunu ġew stabbiliti b'sentenza – ("Galea vs Falzon"*** *- Prim Awla – 7 ta' Frar 2002).*

*Sentenza li għaddiet inġudikat ma tistax tiġi attakkata b'nullita' fuq bażi ta' xi difett proċedurali fl-otteniment tagħha. Jekk dik is-sentenza la tiġi appellata u lanqas ritrattata tgħaddi in ġudikat b'mod li ma tkunx iżjed tiġi attakkata u hija irrevokabbli.*

***Meta l-imsemmija sentenza għal raġunijiet li jafhom l-appellant la tiġi appellata u lanqas intalbet ritrattazzjoni tagha u illum skada kull żmien għal ritrattazzjoni hija assumiet karattru ta' veraċita' billi għaddiet irrimedjabilment in ġudikat u illum ma hawnx rimedju legali biex il-konklużjoni mertu ta' dik is-sentenza tinfetaħ mill-ġdid. ("Alfred Caruana vs Angelo Caruana"*** *– Appell Ċivili, 6 ta' Marzu 1991).*

*Il-Qorti tifhem li quddiemha proprjament m'għandhiex eċċezzjoni tar-**res judicata** iżda qed tagħmel din l-analiżi biex turi l-perikolożita' ta' ftuħ mill-ġdid ta' proċeduri ċivili li jkunu ġja' ngħalqu. Jekk it-talba tar-rikorrenti tiġi aċċettata (għalkemm għalissa l-Qorti qed tiddeċidi biss jekk tkomplix tisma l-kawża biex tinvestiġa l-lanjanzi allegati) hemm il-periklu ċar li ebda sentenza ma jkollha ċ-ċertezza tal-ġudikat."*

Il-Qorti jidhrilha li ħafna minn dan il-bran japplika wkoll għal din il-kawża bl-unika differenza li r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri anke ttentat il-proċedura tar-rittrattazzjoni illi pero' ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Appell. Fil-waqt li huwa sagrosant id-dritt ta' kulhadd li jipprova jagħmel minn kollox *tramite* proċeduri legali biex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu, il-Qorti jidhrilha li qed jiġu ntavolati wisq kawżi ta' din ix-xorta minn persuni li wara deċiżjoni finali

tal-Qorti jibqgħu jippersistu bi proċeduri legali li fil-fehma ta' din il-Qorti huma sempliċement vessatorji u ħela tal-ħin tal-istess Qorti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------